MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR. MIRIAM HAYMAN

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2014

Numru. 230/2005

Il-**Pulizija**

**Spettur Stephen J Gatt**

**VS**

**Faiz Omar Elsallak, iben Omar u Fatima Ferghani, imwieled il-Libja nhar it-3 ta' Awwissu, 1969, residenti fil-fond Marlene, Flat 2, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, detentur tal-karta tal-identita' numru 23784A;**
**U Martin Tabone, iben Paul u Margaret Bartolo, imwieled il-Furjana nhar it-8 ta' Settembru, 1953, residenti fil-fond Marlene, Flat 3, Triq Testaferrata, Ta' Xbiex, detentur tal-karta tal-identita' numru 685653M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Faiz Omar Elsallak** u **Martin Tabone**, li gew akkuzati talli fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Marzu, 2005, gewwa Ta' Xbiex:

a. Minghajr il-hsieb illi joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Abdul Havis u Tristan Haynes f'periklu car, bi strument li jaqta' jew iniggez, ikkagunawlhom hsara fil-gisem, jew fis-sahha taghhom, jew gabulhom disordni f'mohhhom, liema offizi huma gravi li gabu periklu ta' debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem li ddum ghal tletin gurnata jew izjed, inkella ghal daqshekk zmien izzomm lil Abdul Havis u Tristan Scott Haynes

milli jmorru ghax-xoghol taghhom, u dan kif iccertifika Dr C Spiteri MD tal-Isptar San Luqa, u dan bi ksur tal-Artikolu 214, 215, 216, u 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli fl-istess data, lok, jum, hin, u cirkostanzi, hebbew ghal persuna ta' Tristan Scott Haynes u Abdul Havis sabiex idejquhom jew jaghmlulhom hsara;

c. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, garrrew u kienu fil-pussess ta' arma bil-ponta u li taqta' minghajr ma kellhom licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

d. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, rrendew ruhhom recidivi b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

e. U aktar talli **Faiz Omar Elsallak wahdu**, fl-Ghassa tal-Imsida, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi kisser hgiega ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema hsara ma tiskorrix l-ghaxar liri Maltin (Lm10.00);

f. U aktar talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, ikkometta reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba'(4) snin, datata 20 ta' Mejju, 2003, imposta fuqu mill-Magistrat Dr T Micallef Trigona (LL.D);

g. U aktar talli **Martin Tabone wahdu**, fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi, kiser il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, moghtija fit-2 ta' Lulju, 2003 mill-Magistrat Dr A Lofaro LL.D.

Rat illi fl-interrogatorju l-istess imputati wiegbu li ma kinux hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom;

Rat ukoll illi l-imputati ma kellhom ebda oggezzjoni ghall-proceduri sommarji, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ghall-istess.

Xehed Dr Chris Spiteri li qal illi ezamina fid-Dipartiment tal-Emergenza u ezebixxa Dok CS u CS1 fil-konfront ta' Haynes Tristan u Havis Abdul Halfar Barrack, it-tnejn grievous per nature. Xehed fil-fatt mir-rizultanzi li wasal ghalihom mic-certifikati medici.

PS 513 Anthony Gerada u PS 678 B Bunce, it-tnejn xehdu li marru Marlene Flats, Testaferrata Street, Msida. Qal Gerada li darba hemm hargu tnejn minn nies bid-demm niezel minn ma’ rashom – dawn kienu Abdul Havis u Tristan Haynes. Skondtu Abdul Havis mar ifittex prostituta, dam jistenna u ddejjaq. Mar ihabbat flat u skont ir-rapport hareg ragel ghalih b’hadida f’idu u qabad jaghtieh. Siehbu Tristan Haynes mar jaghtieh l-ghajnuna, spicca msawwat ukoll. Bunce kompla jghid illi huma bhala pulizija identifikaw lill-aggressuri bhala Faiz u Martin Tabone. Dan qal ukoll illi huma kellmu lil certu Labandero. Dan kien qallhom illi kien mar fuqu certu Sudaniz biex jaghmel mieghu, u hu ma riedx. Anke tela’ warajh ihabbat.

Abdul Havis - wiehed mill-feruti, xehed illi kellu problema ma’ tliet Maltin gewwa l-Gzira, iggieldu maghhom imbaghad marru l-pulizija. Meta gie biex jidentifika ma’ min kellu l-glieda, irrisponda li ma kinx dak (ghal Faiz), stante li l-ko-imputat ma kellux il-kulur korrett. Meta l-Uffijcal Prosekutur issuggerielu li hu kien gharaf lil Faiz minn fuq ritratt muri lilu, Dok SG folio 64, wiegeb ix-xhud ili hu kien qal lill-Ispettur ili kien jixbhu. Qal ix-xhud illi l-aggressur kien “*Jixbah lil dak u mhux dak.*”, folio 61. Qal illi kien jixbhu mhux hafna, jixbhu 10%, folio 62.

Gilmore Labandero, xehed illi kien gewwa Testaferrata. Qal illi tnejn minn nies marru jigru warajh. Iddeskriva wiehed bhala iswed u l-iehor abjad. Beza’ u harab. Fetahlu Faiz, dahal gewwa u stahba. Fil-fatt jghid dan ix-xhud illi dahal fil-flat ta’ Faiz. La ftakar li ra dmija u lanqas hgieg imkisser. Lanqas ftakar li ma’ Faiz kien hemm il-ko-imputat Tabone.

Dawk kienu l-provi prodotti. Id-Difiza minn nana taghha ma kellha ebda provi xi tressaq, mhux ghax kienet hekk legalment dovuta, imma oltre ghax verament ma kellhix ghalfejn. Hadd ma identifika lill-imputati fl-incident in ezami, lanqas remotament.

Konsegwentement din il-Qorti, qieghda tillibera lill-imputati t-tnejn mill-akkuzi kif migjuba kontra taghhom.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------